**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 60/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Anton (Anton-Charles) Cutajar**

Illum, 26 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Anton (Anton-Charles) Cutajar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 0476076(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-18 ta' Jannar 2019, u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti magħmula minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, kiser kundizzjonijiet tal-liċenzja li jinfurzaw il-ħtiġijiet tar-Regolament 3 tal-L.S. 439.08 u dan bi ksur tar-regolament 4(3) tal-L.S. 439.08 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Jannar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi, senjatament ir-regolamenti 3, 4 u 6 tal-Liġi Sussidjarja 439.08, sabet lill-imputat Anton (Anton-Charles) Cutajar ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u kkundanatu għall-

multa ta' €25,000 li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi kull xahar fuq perijodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza. F'kaz li l-ħlas ikun se jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi kkonvertit fi priġunerija skont il-liġi. In oltre, a tenur tar-regolament 6(2) tal-Liġi Sussidjarja 439.08, il-Qorti, tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ma rrevokatx il-permess maħruġ ai termini tal-Liġi Sussidjarja 439.08 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ma ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti*.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fil-11 ta' Frar 2022, fejn talab lil din l-Qorti:

a) Tħassar is-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija skond il-liġi;
b) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jidhrilha li m'għandix tilqa' l-ewwel talba, alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena aktar idonea skond iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li nhar is-26 ta' Lulju 2023, l-appellant kien awtorizzat iqanqal aggravju ġdid dwar in-nullita' taċ-ċitazzjoni.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant fil-mori tal-appell iqanqal il-preġudizjali dwar in-nullita' taċ-ċitazzjoni u dan għaliex ma hemmx indikat fiha il-lok ta' fejn seħħ ir-reat, u dan bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali fejn hemm hekk dispost fis-sub-inċiż (2) tiegħu:

**Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.**

Illi, huwa paċifiku li dawn ir-rekwiżiti għandhom iservu biss sabiex l-imputat jkollu idea ċara ta' biex inhu akkużat b'mod tali allura li jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu. Huwa proprju għalhekk li l-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jistipola li ċ-ċitazzjoni għandha jkollha ċerti dettalji, u dana sabiex l-imputat jiġi ppreparat f'ewwel jum tas-smiegħ bid-difiza u bil-provi tiegħu *in difesa*, sabiex l-istess kawża tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel ġurnata tas-smiegħ. Madanakollu, tajjeb jingħad li nuqqas ta' xi rekwiżit minn dawn imsemmija ma jwassalx għan-nullita' taċ-ċitazzjoni u dana għaliex il-Liġi tippermetti wkoll li ssir id-debita korrezzjoni f'dan is-sens diment li l-imputat ikun ingħata żmien biżżejjed sabiex jirregola d-difiża tiegħu fid-dawl ta' din il- korrezzjoni. Hekk intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" deċiża nhar il-5 ta' Awwissu 2003 -

**Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun...**

Illi, f'sentenza oħra mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg" fil-25 ta' Lulju 1994, intqal hekk –

**"L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ-citazzjoni ma hi xejn ħlief avviz jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art.360(1)). Din iċ-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bħalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni:**

> ***'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761)."***

Illi, dan ifisser li ġaladarba l-persuna mħarrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali taċ-ċitazzjoni tkun giet ezawrita. Pero', l-istess ma jistax jingħad meta ċ-ċitazzjoni jkun fiha informazzjoni għal dak li jirrigwarda l-partikolaritajiet tal-ħin, lok u żmien li jkunu jikkuntrastaw ma' dak li jemerġi mill-provi li jinstemgħu waqt il-mori tal-kawża, u dan speċjalment meta l-Prosekuzzjoni ma tkunx talbet korrezzjoni tal-istess ċitazzjoni sabiex din tirrifletti l-fattispecie tal-kawża in kwistjoni.

Illi, għalhekk, minkejja li l-funzjoni taċ-ċitazzjoni hija biss ta' *avviso di comparire* u l-Liġi tikkonċedi impreċiżjonijiet li jistgħu jiġu sanati b'sempliċi korrezzjoni magħmula fil-mori tal-kawża, dan ma jfissirx li d-diċitura tal-imputazzjoni m'għandhiex tirrifletti l-fattispecie tal-każ hekk kif jemerġu mill-provi <u>almenu b'mod approssimattiv</u> għal dak li jirrigwarda il-partikolaritajiet taż-żmien, lok u ħin li fihom allegatament ikun ġie kommess ir-reat.

Spjanati dawn il-punti ta' dritt u ġurisprudenza in materja ma jistax jingħad f'dan il-każ illi n-nuqqas ravviżat mill-appellant jista' b'xi mod iwassal għan-nullita' lamentata u dan għaliex mhux biss il-funzjoni taċ-ċitazzjoni kienet eżawrita meta huwa kien notifikat biha u deher il-Qorti biex jiddefendi l-akkuża lilu addebitata, iżda ukoll għaliex hemm lok indikat fl-istess bħala *"f'dawn il-Gzejjer"* biex b'hekk dan mhuwiex każ fejn il-fatti huma indikati b'mod erronju u jikkontrastaw mall-provi li jemerġu mill-atti tali illi kien hemm in-neċessita' li ssir id-debita korrezzjoni biex l-azzjoni penali tirnexxi.

Meta il-liġi titkellem fuq *"il-partikolaritajiet"* li jirrigwardaw il-lok fejn seħħ ir-reat dan ir-rekwiżit huwa ikkwalifikat bil-frażi **"li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw"** biex b'hekk ndikazzjoni approssimattiva hija suffiċjenti. Jiżdied jingħad illi anke fejn dawn ma jistgħux jingħataw jew fejn ma humiex meħtieġa in-nuqqas ta' tali indikazzjoni ma ixxejjinx l-azzjoni kriminali. Dak li hu meħtieġ, kif ingħad, huwa

li l-imputat jifhem biex qed jkun mixli u jidher quddiem il-qrati tal-ġustizzja sabiex iwieġeb għal din ix-xilja b'tali mod li jista' jiddefendi ruħu mill-istess, u ukoll li l-provi li jinġiebu sussegwentment fil-qorti jkunu jirriflettu dawk il-fatti elenkati fiċ-ċitazzjoni. Mill-atti proċesswali odjerni, jirriżulta mingħajr l-ebda dubbju li l-appellant kien ben konxju dwar in-natura tal-imputazzjoni lilu addebitata tant illi ressaq id-difiża tiegħu għal din l-akkuża. Lanqas ma jidher illi l-appellant qed jikkontesta illi l-fatti narrati fiċ-ċitazzjoni b'xi mod ma humiex riflessi fil-provi miġjuba in atti. Dan ifisser għalhekk li l-funzjoni taċ-ċitazzjoni maħruġa fil-konfront tiegħu ġiet eżawrita b'mod pożittiv u għalhekk in-nullita' ravviżata hija infondata.

Għal dawn ir-raġunijiet, dan l-aggravju qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolat l-preġudizzjali ta' nullita', il-Qorti tinnota illi l-appellant fil-kors tat-trattazzjoni orali tal-appell quddiemHa iqanqal lanjanzi oħra, ukoll mhux imsemmija fir-rikors tiegħu, fejn jikkritika s-sentenza appellata għaliex applikat l-liġi b'mod erronju, meta lment f'dan is-sens ma huwiex rifless fl-aggravji, kif ingħad. Illi għalkemm il-Qorti xortawaħda ikkonċediet smigħ lill-appellant fuq kull ilment li ħass li kellu jqanqal fil-mori tal-appell, madanakollu tirrileva illi l-appell għandu jkun fih mill-bidunett indikazzjoni ċara tal-aggravji kollha li l-persuna aggravat bis-sentenza tal-qorti tixtieq tressaq għal reviżjoni, iktar u iktar meta dawn l-aggravji kellhom ikunu magħrufa għaliha mal-prolazzjoni tas-sentenza quddiem l-Ewwel Qorti. Dan ukoll għaliex il-parti avversarja għandha tkun mgħarrfa preventivament sabiex tħejji t-tweġiba tagħha għall-ilment imqanqal.

Illi l-appellant iqies illi ma kellux jkun misjub ħati mill-Ewwel Qorti billi ma kienx dik il-persuna li hija imsemmija fir-Regolament 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19, u dan għaliex fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat it-tigra kienet qed tinżamm minn, u ġiet misjuba fil-pussess ta', Giovanni De Luca u mhux l-appellant, u għalhekk kellu jkun hu li javża lid-Direttur dwar il-fatt illi l-annimal tmexxa minn post għall-ieħor. Ukoll jindika illi kellu jingħata notifika ta' Avviż ta' Infurzar mid-Direttur tas-Servizzi

Veterinarji qabel ma l-Pulizija pproċediet bl-azzjoni penali, liema avviż qatt ma ngħata u dan bi ksur tar–regolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19.

Illi tajjeb jingħad illi l-appellant qatt ma kien mixli bil-ksur tar-regolamenti mħaddna fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19 u ċioe' taħt ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi. L-appellant huwa mixli li kiser il-kondizzjonijiet tal-liċenzja maħruġa f'ismu għat-tmexxija u ġestjoni ta' Stabbiliment Zooloġiku u dan kif hemm imfassal fir-regolamenti dwar iż-Żamma ta' Annimali Selvaġġi fi Stabbilimenti Żooloġiċi, Leġislazzjoni Sussidjarja 439.08. Fir-regolament 4, li dwaru l-appellant huwa mixli, hemm dispost illi id-Direttur għandu jadotta miżuri għall-liċenzjar u spezzjoni ta' stabbilmenti żooloġiċi u dana sabiex jiżgura li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fir-regolament 3 li fost oħrajn jindika illi wieħed minn dawn l-għanijiet huwa sabiex ikun żgurat illi l-istabbilimenti żooloġiċi jimplimentaw is-segwenti miżuri fost oħrajn:

> **(ċ) jakkomodaw l-annimali tagħhom taħt kondizzjonijiet li jimmiraw li jissodisfaw il-ħtiġiet bijoloġiċi u ta' konservazzjoni ta' l-ispeċi individwali, fost l-oħrajn, billi jipprovdu lill-ispeċi titjib speċifiku ta' l-għeluq; u jżommu standard għoli ta' trobbija ta' l-annimali bi programm żviluppat ta' trattament veterinarju kemm preventiv kif ukoll ta' kura u ta' nutriment;**
> **(d) jevitaw il-ħarba ta' l-annimali sabiex jevitaw theddid ekoloġiku possibbli lill-ispeċi indiġeni u jevitaw id-dħul ta' insetti jew annimali li jeqirdu u vermini minn barra.**

Illi allura l-appellant kellu jara lil jiddefendi ruħu minn dan il-ksur u mhux minn dak minnu ravviżat f'dan l-ilment "ġdid" li huwa jqanqal waqt it-trattazzjoni tal-appell, b'dan għalhekk illi għal dawn il-proċeduri lanqas ma kien meħtieġ li jingħata l-avviż tal-infurżar kif indikat minnu u li jaqa' taħt id-disposizzjonijiet tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19. L-appellant ma jistax bl-appell minnu ntentat iċaqlaq il-binari tal-azzjoni penali miġjuba fil-konfront tiegħu u kwindi dawn l-aggravji ndikati minnu oralment quddiem il-Qorti qed ikunu miċħuda.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju ndikat mill-appellant fir-rikors ta'l-appell huwa jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u ma tatx il-piz li jixraqlu lill-fatt ippruvat illi ma kienx hu l-persuna li kkommetta l-att materjali lilu addebitat, iżda kien ċertu Giovanni DeLuca li kien jaħti għan-nuqqas ta' ottemperanza mal-liġi u kif hu kien infurmat b'dan in-nuqqas għamel minn kollox sabiex jirrimedja l-istess.

Illi, minn eżami magħmul minn din il-Qorti tal-atti proċesswali odjerni, u dan għal fini sabiex tqies jekk l-Ewwel Qorti wasslitx għad-deċiżjoni tagħha b'mod żbaljat kemm legalment kif ukoll fattwalment, irriżultalHa li nhar it-18 ta' Jannar 2019, il-Pulizija kienu nfurmati li kien hemm tigra tiġri barra fit-triq mingħajr ċinga viċin id-daħla tal-barriera ta' Cortis li tinsab ġewwa Valletta Road, Imqabba. Hekk kif irrikorrew fuq il-post, flimkien ma' uffiċjali mid-Dipartiment għal Ħarsien tal-Annimali sabu din it-tigra f'gaġġa msakkra ġewwa għalqa, li kienet fil-ġenb tal-barriera, li kienet fil-pussess ta' ċertu Giovanni DeLuca. Minn investigazzjonijiet li saru fuq iċ-ċippa li kellha t-tigra rriżulta li l-istess kellha l-eta' ta' sitt xhur u li sidha kien l-appellant, li huwa l-propjetarju tal-istabbiliment żooloġiku magħruf bħala "l-Arka ta' Noe'" ġewwa s-Siġġiewi. Meta ġie mitkellem mill-Pulizija, l-appellant stqarr:

> **Jiena l-owner tal-Arka di Noe, fejn għandi ħafna annimali fosthom sbatax - il tigra. Dan il-ferħ ta' tigra li instab ilbieraħ l-Imqabba, marad u wara li operajnieh ma kellix fejn inżommu sakemm jirkupra għal kollox mill-operazzjoni. Kif irkupra tfajniha mal-oħrajn u qabdu jiġġieldu. Ma kellix way oħra ħlief inneħih minn magħhom. Filfatt waħda mill-frieħ ġiet maqtula mit-tigri l-oħrajn tant li għadha miżmuma fil-freezer u li din hija ċċipjata ukoll. Kien għalhekk li neħħejtu ukoll għax bżajt li kienu ser joqtluh ukoll. Jien kont qed nistenna t-temp jinbidel ħalli nkun nista' nibgħat sitta mill-frieħ tat-tigri li għandi u kont ser nibagħthom il-Libja. Wara kont ser inġibu lura is-Siġġiewi għaliex kien ser jieħu post l-ieħor li ntbagħat it-Turkija. Dan il-ferħ poġġejnih l-Imqabba bejn wieħed u ieħor minn xi tlett ġimgħat ilu ċioe' mill-15 ta' Diċembru 2018. Qabel ma ġie mpoġġi hemm jiena kont ninsab ma niflaħx u ma stajt immur nara fejn tpoġġa l-ferħ. Li nista' ngħidlek huwa li għamilli pjaċir voluntier tiegħi li jkun jgħini u li sab lil dan it-Taljan li jiena ma nafux u li huwa kien zammuwli ġewwa l-post tiegħu. Li ma kontx naf hu biss li biex tieħdu minn post għall-ieħor trid il-permess tal-awtoritajiet. Meta ċempilli l-veterinarju tal-Gvern inżilna mill-ewwel l-Imqabba fejn poġġejnih b'idejna ġo kaxxa żgħira peress li huwa ferħ u poġġejnih ġo kaxxa tagħhom apposta biex jiġu trasportati. Biex poġġejnih, qbadnih b'idejna mingħajr ma tajnih l-ebda loppju għax għadu ferħ u ħadnih lura s-Siggiewi. Qabel ma ħadnih fil-**

**prezenza ta' kulħadd ġie ċċekkjat fejn irriżulta li kellu l-microchip u li dan kien jgħajjat lili.**

Illi, dan kollu huwa reġa' ikkonfermah meta volontarjament xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, u żied illi f'dak iż-żmien il-mara tiegħu kellha problemi ta' saħħa (u mhux hu kif stqarr mal-pulizija *a tempo vergine*) minħabba li kienet qed tistenna tarbija u minħabba f'din ir-raġuni kellu jafda il-kura ta' din it-tigra, li kienet għadha kemm ġiet operata, f'idejn sieħbu, liema persuna, iżda qatt ma jinġieb il-qorti biex jixhed. Jisħaq li kien dan sieħbu li ddeċieda li jgħaddi din it-tigra lil De Luca biex iżommha fl-għalqa tiegħu.

Illi, *in oltre*, mill-atti proċesswali odjerni, senjatament mix-xhieda ta' Dr Roberto Balbo, li fi żmien l-inċident *de quo* kien "*Director Veterinary Regulation*" fi ħdan id-direttorat tal-"*Animal Health and Welfare*", jirriżulta li t-tigra in kwistjoni kienet instabet li kienet "*not kept in the most appropriate conditions and furthermore it was kept in a place unlicensed for keeping animals*". It-tigra tinstab miżmuma f'gaġġa zgħira għad-daqs tagħha u b'kontenitur ta' ilma għax-xorb li kien maħmuġ. U dan apparti il-fatt illi dan il-post kien aċċessibbli għal pubbliku tant illi fil-viċinanzi kien hemm ħaddiema jaħdmu ġewwa l-barriera[1]. In segwitu, mix-xhieda ta' Charles Spiteri li jokkupa l-kariga ta' "*Principal Veterinary Support Officer*" fid-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, irriżulta li l-appellant u l-istabbiliment żooloġiku operat minnu kellu liċenzja intitolata "*Licence to operate a Zoo*" maħruġa f'ismu, datata 21 t'Ottubru 2018. Tali liċenzja, li tinsab ukoll ppreżentata in atti, għandha anness magħha lista ta' kundizzjonijiet li l-appellant kien obbligat li josserva fejn il-kundizzjonjiet numru 10 u 11 igħidu hekk:

> ***10. This zoo must provide adequate housing for all exhibits which are species specific.***
>
> ***11. The park must ensure that none of the animals do escape. The park must have a contingency plan for the recovery of escapees ...***

Illi, għalhekk, mill-assjem tal-provi kumpilati, huwa indubitat illi l-appellant kien sid it-tigra mertu tal-każ. Ġie stabbilit ukoll li l-appellant kellu liċenzja fuq ismu li fiha kien hemm imfassla l-mod ta' kif l-istabbiliment żooloġiku kellu jiġi operat, u kif

[1] Ara xiehda ta' PS1227 Malcolm Pace a fol.9

kellhom jinżammu l-annimali. Fost il-kondizzjonijiet hemmhekk elenkati kien hemm l-obbligu tal-appellant li jassigura li l-annimali miżmuma minnu kellhom "*housing*" adegwat. Ġie ppruvat ukoll illi t-tigra in kwistjoni kienet ġiet mgħoddija lil Giovanni DeLuca bil-permess tal-appellant sabiex l-istess DeLuca iżommha għal ftit taż-żmien, mingħajr ma l-appellant indenja ruħu jivverifika jekk din il-persuna kellhiex post adegwat fejn jinżamm dan l-annimal, u f'liema kondizzjonijiet kienet qed tkun miżmuma. Fl-aħħarnett, ġie stabbilit ukoll li għal xi ftit taż-żmien din it-tigra nstabet barra mill-gaġġa tagħha mingħajr ċinga. Għalhekk kien hemm nuqqas ta' aderenza mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liċenzja fit-termini tar-Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.08 li jagħmel referenza għal dak imfassal fir-Regolament 3, hawn fuq iċċitat.

Illi, l-appellant jisħaq li ma kienx hu li kkommetta l-ksur *de quo* iżda kien Giovanni DeLuca. Dina l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma taqbel xejn ma dak allegat mill-appellant. L-ewwel u qabel kollox, kien l-appellant li kien responsabbli f'għajnejn il-Liġi għaż-żamma tat-tigra fi stabbiliment żooloġiku, bil-liċenzja torbtu b'kondizzjonijiet stretti li huwa kellu josserva skrupolożament billi jaċċerta ruħu illi f'kull ħin it-tigra tinżamm f' post sigur u f'ambjent adegwat għall-għejxien tagħha u li għalhekk jirrispekkja l-kundizzjonijiet tal-liċenzja maħruġa f'ismu, u li din ma toħroġx jew taħrab minn dawn l-ambjenti, dana irrispettivament minn kwalunkwe problema personali li kien għaddej minnha f'dak iż-żmien. L-appellant, bħala sid ta' stabbiliment żooloġiku u bħala sid ta' diversi annimali u bhejjem fosthom annimali li jistgħu jkunu perikolużi kellu obbligu naxxenti mill-Liġi u speċifikatament mill-liċenzja maħruġa f'ismu sabiex jara lil dawn l-annimali huma miżmuma kif suppost u dan sabiex la jkunu ta' periklu għal pubbliku u wkoll sabiex lanqas issir xi ħsara lilhom minħabba il-fatt li ma jkunux miżmuma f'kundizzjonijiet xierqa għas-sopravvivenza tagħhom.

Għaldaqstant, il-Qorti ma issib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti u għaldaqstant dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti mressaq mill-appellant jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tal-multa ta' €25,000, fejn huwa jisħaq li tali piena hija waħda esaġerata u li ma tirriflettix iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Illi, r-Regolament 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.08 ifassal il-piena li għandha tiġi erogata għar-reat addebitat lill-appellant meta hemm hekk dispost:

> **(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u tal-Att dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali, persuna li tikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, teħel,meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċentezmu (23,293.73).**
>
> **(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), il-Qorti tista' ukoll tordna lill min jinsab ħati li għamel reat taħt dawn ir-regolamenti, tħallas l-ispejjez magħmula mis-Servizzi Veterinarji bħala rizultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ taħt dawn ir-regolamenti u l-konfiska, zamma u tneħħija tal-corpus delicti.**

Illi, minn ezami akkurat tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi l-piena imposta fuq l-appellant kienet filfatt waħda fil-parametri tal-liġi u li tqarreb lejn il-minimu assolut. *In oltre*, l-Ewwel Qorti kienet miti anke fil-piena konsegwenzjali li l-liġi tistabbilixxi għal ksur mertu ta' dawn il-proċeduri meta ma għaddietx biex tirrevoka il-liċenzja maħruġa f'isem l-appellant u lanqas ma ordnat iż-żamma, it-tneħħija jew il-konfiska tal-*corpus delicti*, kif kien fid-diskrezzjoni tagħha li tagħmel. Għalhekk, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida u mhux eċċessiva u li tirrispekja l-fattispeċji tal-każ odjern. Għalhekk, dina l-Qorti ma tqies li hemm ebda raġuni valida la fil-fatt u lanqas fid-dritt li tista twassalHa tiskossa d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena.

Għalhekk anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha, bit-terminu għal ħlas tal-multa konċess mill-Ewwel Qorti lill-appellant jibda jiddekorri mill-aħħar ta' Jannar 2024 u għalhekk l-appellant għandu jħallas s-somma ta' €694 kull xahar bil-multa inflitta titħallas fl-**

**intier tagħha fi żmien tlett snin. Jekk l-appellant jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ rimanenti jiġi dovut f'salt. bl-appellant jitlef il-benefiċċju ta' żmien konċess lilu, liema bilanċ jekk ma jitħallasx minnufih jkun konvertit fi priġunerija skont il-liġi.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**